MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH R. MICALLEF**

Seduta tas-17 ta' Dicembru, 2013

Mandat Numru. 1655/2013/1

Fl-Atti tar-Rikors għall-Ħruġ ta’ Mandat ta’ Inibizzjoni Numru 1655/13 fl-ismijiet:

Gismalla Adam **AHMED** bħala prokuratur tal-assenti Ali Abdulassalam Abdelsamad fil-kwalita’ tiegħu ta’ segretarju ġenerali tal-*Great Alfatih (69) Birth Association*

vs

Adel Ahmed Milad **ASHUR**

**Il-Qorti:**

Rat ir-Rikors imressaq fid-29 ta’ Ottubru, 2013, li bih u għar-raġunijiet hemm imfissra, ir-rikorrent fil-kwalita’

tiegħu hawn fuq imsemmija, talab li din il-Qorti toħroġ Mandat ta' Inibizzjoni biex iżżomm lill-intimat "milli jbiegħ, ineħħi, jittrasferixxi jew jiddisponi *inter vivos* sew b'titolu oneruż jew gratuwitu xi proprjeta', u b'mod partikolari" (i) in-nofs mhux maqsum tal-villa, bla numru uffiċjali, imma li ġġib l-isem "*Sabratha*", fi Triq il-Buganvilla, Victoria Gardens, Ibraġ, limiti ta' Swieqi, San Ġiljan u (ii) proprjeta' immarkata uffiċjalment bin-numru sbatax (17) fi Triq Mattew Pulis, Sliema, u dan b'ħarsien għall-pretensjoni ta' danni fis-somma ta' sebgħa u sebgħin miljun tmien mija u ħamsa u għoxrin elf dollaru Amerikan ($ 77,825,000) jew tlieta u sittin miljun ħames mija u sebgħa u tmenin elf sitt mija u erbgħa u disgħin euro u ħamsin ċenteżmi (€ 63,587,694.50) li dwarhom kien fetaħ kawża[1], li bħalissa qiegħda tistenna li tinstema' quddiem il-Qorti tal-Appell;

Rat id-degriet tagħha tad-29 ta' Ottubru, 2013, li bih laqgħet it-talba provviżorjament, ordnat in-notifika lill-intimat u qiegħdet ir-rikors għas-smigħ tas-7 ta' Novembru, 2013, iżda kellha tħalli s-smigħ għad-9 ta' Diċembru, 2013 minħabba li sa dak inhar ma kenitx għadha saret in-notifika tar-rikors lill-intimat. In-notifika saret fit-18 ta' Novembru, 2013;

Rat it-Tweġiba mressqa mill-intimat fil-25 ta' Novembru, 2013, li biha laqa' billi, b'mod preliminari, qal li kull talba għall-ħruġ tal-Mandat f'isem l-assoċjazzjoni rikorrenti ma tiswiex mill-bidu tagħha għaliex dik l-assoċjazzjoni llum il-ġurnata m'għadhiex teżisti aktar minħabba li kienet ġiet xolta mill-Gvern Libjan wara l-waqgħa tal-Kurunell Gaddafi; lanqas ma tiswa għaliex l-proċeduri li nqeda bihom ir-rikorrent *nomine* huma milquta u mtebba' bi frodi billi ressaq lilu nnifsu bħala rappreżentant ta' xiħadd li qed jallega li jidher għal assoċjazzjoni li ma teżistix aktar; u li lanqas ma tiswa għaliex it-talba għall-ħruġ tal-Mandat saret minn persuna li tgħid li tidher għal assoċjazzjoni meta dik il-kariga ntemmet malli l-assoċjazzjoni kienet xolta. Fil-mertu, laqa' billi qal li hu ma jista' jintrabat qatt mal-pretensjonjiet tar-rikorrent għaliex qatt ma kien hemm rabta legali bejniethom, u l-kuntratt li minnu r-rikorrent

[1] Rik. Nru. 835/12JPG

*nomine* jallega li ġarrab danni sar ma' ħaddieħor. Żied jgħid li lanqas jeżistu l-elementi għall-ħruġ tal-Mandat mitlub, minħabba li qegħdin isiru f'isem assoċjazzjoni li ma teżistix, li l-pretensjonijiet li dwarhom qiegħed jintalab il-ħruġ tal-Mandat diġa' ma ntlaqgħux minn din il-Qorti f'sentenza li biha ċaħdet it-talbiet tar-rikorrenti *nomine*, u minħabba li r-rikors huwa abbuż sfaċċat tal-proċess ġudizzjarju. Għalaq billi qal li, ladarba r-rikorrent innifsu m'għandu l-ebda ġid f'Malta, l-Qorti jmissha torbtu b'garanzija taħt l-artikolu 838A tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta;

Semgħet it-trattazzjoni tal-avukat tar-rikorrenti waqt is-smigħ tad-9 ta' Diċembru, 2013, f'liema data ħalliet ir-rikors għall-provvediment;

***Ikkunsidrat:***

Illi fl-20 ta' Awwissu tal-2008, sar ftehim fil-Libja bejn ir-rikorrent *proprio* (li dak inhar kien qed jidher fil-kwalita' tiegħu ta' segretarju ġenerali tal-assoċjazzjoni msemmija fir-Rikors) u l-kumpannija BH International Company Limited (kumpannija reġistrata f'Malta) għax-xiri u bejgħ ta' għadd ta' vetturi ġol-Libja, skond il-patti u l-kundizzjonijiet hemm imfissra[2];

Tqis li minħabba li nqalgħu intoppi dwar il-kunsinna, r-rikorrent *proprio* fetaħ kawża fil-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fit-22 ta' Awwissu, 2012 kontra l-imsemmija kumpannija u intimati oħrajn, fosthom l-intimat f'din il-proċedura, li r-rikorrent qal li kien "delegat mill-istess BH International Limited sabiex jaġixxi f'isimha rigwardanti l-kuntratt";

Tqis li b'sentenza mogħtija fil-31 ta' Mejju, 2013[3], t-talbiet tar-rikorrent ma ntlaqgħux. Ir-rikorrent appella minn dik is-sentenza fl-20 ta' Ġunju tal-2013[4]. L-appell qiegħed jistenna s-smigħ;

---

[2] Dok "A", f'paġġ. 5 sa 12 tal-atti
[3] Dok "b", f'paġġ. 16 sa 32 tal-atti
[4] Dok "Ċ", f'paġġ. 33 sa 47 tal-atti

Tqis li din il-proċedura tal-lum tressqet skond l-artikolu 874 tal-Kap 12 u trid titqies fil-qafas tal-ħtieġa li Mandat ta' Inibizzjoni, jekk jintlaqa', jkun jista' jintrabat ma' ġid li bla xkiel ikun identifikat u magħruf, ladarba l-għan ta' mandat bħal dak m'huwiex li jittrasferixxi l-ġid milqut imma biss li jidentifikah u jagħrfu minn ġid ieħor;

Tqis li għal dak li jirrigwarda l-elementi mitluba mill-għamla ta' Mandat li r-rikorrent talab li jinħareġ, il-pretensjonijiet tar-rikorrent *nomine* huma dawk li saru fir-Rikors Maħluf li dwaru ngħatat is-sentenza minn din il-Qorti (diversament presjeduta) u li minnha tressaq appell;

Tqis dwar jekk ir-rikorrent għandux il-jedd mad-daqqa t'għajn li titlob il-ħruġ tal-Mandat, il-Qorti hija tal-fehma li għalkemm huwa minnu li dan l-element huwa meħtieġ bħal fil-każ ta' kull mandat ta' inibizzjoni ieħor, madankollu, ma jistax jingħad li l-kriterji huma l-istess. Dan jingħad għaliex, għall-finijiet tal-artikolu 874 tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili, il-kejl waħdieni huwa biss jekk kemm-il darba l-pretensjoni ta' min jitlob il-ħruġ ta' Mandat bħal dak taqbiżx l-ammont ta' ħdax-il elf, sitt mija u sitta u erbgħin euro u sitta u tmenin ċenteżmi (€ 11,646.86). Jekk taqbeż dik is-somma, dak l-element jikkostitwixxi l-jedd mad-daqqa t'għajn tar-rikorrent biex jinħareġ il-Mandat mitlub;

Illi bħala kejl ta' dan il-jedd *prima facie*, il-liġi timxi fuq il-pretensjoni, u mhux fuq jekk dik il-pretensjoni hijiex waħda mistħoqqa jew meqjusa: dak hu biss xogħol il-qorti li quddiemha titressaq il-kawża fil-mertu;

Tqis ukoll li l-Mandat li r-rikorrent qiegħed jitlob il-ħruġ tiegħu huwa wieħed li jimmira li jikkonserva ġid – mobbli jew immobbli – milli jkun trasferit jew li b'xi mod jitgħabba b'xi piż jew dejn ġdid b'mod tali li 'l quddiem ma jkunx jista' jissoddisfa l-pretensjonijiet tar-rikorrent "kreditur" u m'huwiex maħsub milli jżomm lis-sid mit-tgawdija tiegħu jew li jżommu milli (jibqa') jużah;

Tqis li l-ġid li dwaru ntalab il-ħruġ tal-Mandat huwa tabilħaqq ġid tal-intimat, ukoll jekk f'każ minnhom, huwa ġid li l-intimat jaqsam b'jedd ma' persuna oħra;

Tqis li l-eċċezzjonijiet imressqa mill-intimat huma ta' xejra tali li ma jistgħux jitqiesu minn din il-Qorti f'din il-proċedura, għaliex jitolbu stħarriġ mill-Qorti li quddiemha qiegħed jinstema' l-każ u li dwaru għadha ma ngħatat l-ebda sentenza li tagħmel ġudikat bejn il-partijiet;

Tqis, għalhekk, li jirriżulta l-elementi ewlenin mitluba mil-liġi biex jista' jinħareġ il-Mandat mitlub mir-rikorrent;

Għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti qiegħda tiddeċiedi billi:

**Tilqa' t-talba tar-rikorrent** għall-ħruġ tal-Mandat;

**Taħtar**, għall-finijiet tal-artikolu 874(3) u bi spejjeż għar-rikorrent, lin-Nutar Carmel Gafa' biex jinnotifika lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku u lir-Reġistratur tal-Artijiet; u

Tordna li, fiċ-ċirkostanzi, l-**ispejjeż ta' din il-proċedura** jibqgħu mingħajr taxxa bejn il-partijiet.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------